MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 381/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Cassar)**
**Vs**
**Charles Sciberras**
**Frankie Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. F'dawn il-gzejjer, f' dawn l-ahhar xhur b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda ;

2. Lil Charles Sciberras u lil Frankie Pace talli nhar it-23 ta' Mejju 1999, wara nofs inhar, minn Vjal it-Torri fil-Gudja, ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla 'Ford Escort' bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm1000, liema serq huwa aggravat bil-

mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa  u dan ghad-dannu ta’ Consiglio Bartolo mill-Gudja.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602, li giet mehudha b’ qerq jew akkwistata b’ reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahlu biex ibieghuha jew imexxuha.

4. Lil Frankie Pace wahdu talli nhar is-26 ta’ Mejju 1999, bi nhar , mill-Car Park ta’ l-isptar San Luqa fil-Pieta’ kkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla ‘Mazda MX5’ bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm1000, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-dannu ta’ Dr. Ferdinand Serracino Inglott mill-Ibragg.

5. Lil Frankie Pace wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe’ il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736, li giet mehudha b’qerq jew akkwistata b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghha jew imexxiha.

6. Lil Charles Sciberras wahdu talli fl-istes dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici fir-reati ta’ serq kif dedott f’ paragrafu (4) billi ta ordni lil haddiehor, u cioe lil Frankie Pace, biex jaghmel dawn id-delitti, billi xewwex lill-istess Frankie Pace inkella sahhah il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt jew delitti, jew wieghed li wara l-fatt, jassistih, jieqaf mieghu jew jikkumpensah.

7. Lil Charles Sciberras wahdu talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736 kif ukoll car stereo, speakers u equilizer, liema oggetti jiswew izjed minn Lm1000, li gew mehudha b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

8. Lil Charles Sciberras wahdu talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f' lokalitajiet differenti, saq l-imsemmija vetturi, u cioe' Mazda bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736 u Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602, minghajr licenzja tas-sewqan, jew fi zmien li l-imsemmija licenzja kienet sospiza, ghaldaqstant ma kienx kopert b' polza ta' l-assigurazzjoni a riskju ta' terzi persuni.

9. Lil Charles Sciberras u lil Frankie Pace talli huma recidivi b' diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 261(b), (c), (g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279(b), 280, 281, 31 u 20 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ddikjarat li sabet lill-appellant Frankie Pace hati tal-akkuzi mmarkati bhala tnejn u erba' w ikkundannatu tlett snin prigunerija. Stante li l-akkuzi mmarkati bhala tlieta w hamsa nghataw bhala alternattiva ghall-akkuzi ta' serq li taghhom l-appellant instab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-akkuzi fil-konfronti tal-appellant Frankie Pace. Il-Qorti inoltre ddikjarat lill-appellant Frankie Pace mhux hati tal-akkuza mmarkata bhala numru 9 u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.
Wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 50, 334, 279(b), 31 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ddikjarat li sabet lill-appellant Charles Sciberras hati tal-akkuzi mmarkati bhala numru 3, 7 u 9 u ikkundannatu sentejn prigunerija. Il-Qorti ddikjarat mhux hati tal-akkuzi mmarkati bhala tnejn, sitta w tmienja w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannat lill-appellanti sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu lir-Registratur tal-qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' LM 263.50 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Charles Sciberras minnu pprezentat fit-23 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi

filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn illiberat lill-appellant mill-akkuzi numru 2, 6 u 8 thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi 3, 7 u 8 u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija w tillibera l-appellant minn tali akkuzi migjuba kontrih u minn kull piena jew alternattivament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena billi ma timponix piena karcerarja fil-konfront tal-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant Frankie Pace minnu pprezentat fis-27 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tieghu u taghti piena aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Charles Sciberras jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-appellant instab hati tal-akkuzi addebitati lilu ta' ricettazzjoni tal-vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni AAJ 602 u kif ukoll tal-vettura tal-ghamla Mazda MX5 bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736 u konsegwentement huwa sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi sabiex l-Ewwel Qorti sabet il-htija fil-konfront tal-appellant ghal dawn iz-zewg akkuzi addebitati lilu l-Qorti strahet biss fuq zewg testimonjanzi w cioe' x-xhieda ta' Emanuel Ciantar u ta' George Debono a fol. 231 u 290 (vol. 1) tal- process odjern. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-Ewwel Qorti korretement ma setatx tistrieh fuq l-istqarrija ta' l-appellant ghaliex f'dina l-istqarrija huwa jammetti biss illi huwa kien xtara stereo li kien jaf li kien misruq (li ma kienitx akkuza addebitata lilu) u ghazel sabiex ma jirrispondix il-bqija tad-domandi l- ohra li sarulu.

Illi aktar minn hekk hekk kif ribadiet korrettement l-Ewwel Qorti l-istqarrija tal- ko-akkuzat Frankie Pace m'hix prova valida skont il-ligi kontra l-akkuzat u dana jghodd ukoll ghal xhieda li ta l-istess Frankie Pace a fol.

239 et seq tal- process odjern u ghaldaqstant ma setatx tintuza bhala prova kontra l- appellant.

Illi ghalhekk kif gja gie ribadit l-unika xhieda li setghet tkun ta' rilevanza ghal kaz odjern hija x-xhieda ta' Emmanuel Ciantar u George Debono a fol. 232 et seq u 290 et seq rispettivament tal-process odjern. Dawn huma z-zewg min- nies effettivament qed jghidu illi xtraw il-karozzi in kwistjoni u fil-fatt huma gew ikkundannati ghal dan l-agir illegali mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hekk kif ikkonfermaw fix-xhieda taghhom stess.

2. Illi l-piena li mponiet l-Ewwel Qorti li tenendo kont is-sitwazzjoni prezenti tal- appellant hija wahda esagerata.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Frankie Pace jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti mponiet piena mhix ekwa w gusta. Il-piena hija wahda eccessiva w esagerata fic-cirkostanzi tal-kaz specjalment tenut tal-fatt li l-problema reali hija li l-appellant huwa dipendenti tad-droga. Hu pprova johrog minnha w jidher li t-tentattivi sal-lum fallew. Izda bir-rispett kollu s-soluzzjoni mhix li jintbaghat il-habs ghal zmien twil. Barra minn hekk qed issir referenza ghall-fatt li l-kaz sehh ghaxar snin ilu u wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni tad-dewmien tal-proceduri in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Illi l-motiv tal-appell taz-zewg imputati hu differenti. Filwaqt illi Charles Sciberras qieghed jappella mill-meritu w mill-piena, Frankie Pace illimita l-appell tieghu ghall-piena. Ghalhekk il-Qorti sejra tittratta z-zewg kazijiet differenti w tibda minn dak ta' Charles Sciberras.

Ikkunsidrat :

Charles Sciberras huwa akkuzat b'ricettazzjoni taz-zewg vetturi w recidiva. Skond l-appellant hemm konflitt fix-xhieda li nislet dubju li allura kellu jmur favur tieghu. Ix-xhieda ta' Ciantar u Debono huma konfliggenti.

Ciantar l-ewwel jghid illi ma kienx jaf lill-imputat Charles Sciberras u mbaghad jiltaqa' mieghu hdejn l-isptar. Mhux car fejn saret it-transazzjoni w min kien prezenti.

Kien obbligu tal-prosekuzzjoni illi tipprova l-element materjali tar-reat kif ukoll dak intenzjonali illi kien hemm ix-xjenza li l-karozzi kienu rizultat ta' xi haga illecita'.

Sciberras jilmenta illi din il-prova ma saritx u di piu l-Ewwel Qorti emmnet parti fix-xiehda prodotti w mhux ohra.

Meta qies ukoll il-piena jghid illi dina hija esagerata meta tqis illi l-kaz kien ilu ghaddej disa' snin. Illum Sciberras qabad it-triq it-tajba w piena karcerarja ma kienitx idonea.

Frankie Pace illimita' l-appell tieghu ghall-piena. Spjega illi dak iz-zmien kien taht il-vizzju tad-droga imma issa ghamel kors ghar-riabilitazzjoni w ilu nadif ghal dawn l-ahhar hdax il-sena w ma regghax kiser difru mal-ligi. Pace kkoopera mal-Pulizija w wassalhom biex isibu l-oggetti misruqa.

Ciantar u Debono gew processati quddiem il-Qorti w ikkundannati. Kien sforz ta' Pace illi dana sar u ghalhekk kellu jimmerita' konsiderazzjoni specjali, aktar u aktar minhabba t-trapass taz-zmien illi ghadda minn meta sar dan ir-reat, liema trapass kellu jigi konsidrat fl-ghoti tal-piena.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi ma hemmx konflitt fil-provi. Dawn trid tarahom fl-entita' taghhom, fl-isfond ta' negozjati illi saru bejn Ciantar u Pace. Ghal dawn in-negozjati Sciberras kien prezenti w ma kienitx l-ewwel darba li gew mibjugha vetturi misruqa. Irrizulta illi Frankie Pace wettaq is-serq u Sciberras ircieva l-oggetti misruqa meta kien jaf illi kienu gejjin mis-serq. Sar ftehim illi r-rikavat jinqasam fifty fifty bejn Sciberras u Pace. Dawn l-ahhar tnejn inqabdu ghax Debono ried ibiegh il-vettura w irrizulta illi kienet misruqa.

Wara l-arrest ta’ l-imputati saru zewg stqarrijiet li fihom l-imputati spjegaw l-operat taghhom. Ghalhekk il-prosekuzzjoni rrnexxielha tipprova l-kaz taghha. Jekk kien hemm xi dewmien f’dan il-kaz, dana kien rizultat ghal bdil tal-Magistrat kif ukoll hafna drabi l-appellanti dehru minghajr Avukat.

Il-valur taz-zewg karozzi kienu iktar minn elf lira Maltin li kien jinvolvi piena ta’ massimu ta’ seba’ snin.

F’dan il-kaz l-imputati gew ikkundannati tlett snin u sentejn rispettivament, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali twila w attiva taz-zewg imputati.

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti kif ukoll is-sentenza tal-Ewwel Qorti u sabet li l-kawteli kollha tad-drittijiet ta’ l-imputati gew osservati. Ghamlitha cara li minkejja li l-imputati semmew lil xulxin, fl-istqarrijiet taghhom, ma haditx din bhala prova kontra l-imputati izda qaghdet fuq provi esterni illi imputaw lill-imputati fir-rispettivi reati li taghhom instabu hatja.

Frankie Pace hati ta’ serq u Charles Sciberras hati ta’ ricettazzjoni w recidiva.

Mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni illi Charles Sciberras kien hati ta’ ricettazzjoni peress illi z-zewg persuni George Debono u Emanuel Ciantar iddentifikaw lill-appellant Charles Sciberras bhala wiehed mill-persuni illi mar sabiex ibieghilhom dawn iz-zewg vetturi misruqa w Ciantar jispecifika illi huwa ghadda flus direttament lil Charles Sciberras bhala l-prezz ta’ wahda minn dawn il-vetturi. Dan ifisser kwindi illi Sciberras kien fil-pussess materjali ta’ oggett misruq u fi kwalunkwe kaz ma tahx kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu l-karozzi kienu jinstabu ghandu f’dak iz-zmien (ara artikolu 287 tal-Kodici Kriminali).

Mill-assjem tal-provi l-Qorti hija sodisfatta illi Sciberras kien jaf li l-vetturi kienu misruqin u ghamel gwadan

minnhom meta bieghhom lil Emanuel Ciantar u bhal ma kienet sodisfatta l-Ewwel Qorti illi Sciberras huwa recidiv, hekk ukoll hija sodisfatta din il-Qorti bis-sentenzi illi gew esebiti.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-appellant Charles Sciberras ilmenta illi l-kawza ilha ghaddejja disa' snin u s-serq kien relatat mad-droga w li qabad it-triq it-tajba. Dina pero' mhihix il-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti meta rat ix-xiehda tal-Probation Officer u hadet in konsiderazzjoni is-"Social Inquiry Report" tieghu fejn intqal li ghalkemm Sciberras kien ittermina programm residenzjali sabiex jelgheb il-problema mill-abbuz tad-droga huwa rega' kien irrizulta posittiv ghad-droga meta sarlu "urine test" mill-Probation Officer u inoltre rrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu lill-istess Probation Officer sabiex hija tikkonsulta mat-tabib li qed isegwih.

Dan il-fatt jidher li aggrava mhux hazin f'mohh l-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex tikkunsidra l-piena. Bhal ma ghamlet ukoll fil-konfront ta' Frankie Pace il-fatt illi huwa kkoopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, izda minkejja dan is-"Social Inquiry Report" kien irrakkomanda illi Pace jinghata piena karcerarja effettiva, kif fil-fatt ghamlet l-Ewwel Qorti meta addottat dan ir-rapport tal-Probation Officer.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti mill-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha w ghalhekk mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------